**_Ruling_ mogħti mid-Deputy Speaker, l-Onor. Ċensu Galea, fis-Seduta 464 tal-20 ta' Diċembru 2016 dwar tqegħid ta' dokumenti fuq il-Mejda tal-Kamra ikkwotati fi stqarrija ministerjali**

Fis-seduta tal-lum tal-20 ta' Diċembru 2016, hekk kif il-Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne temm il-qari ta' Stqarrija Ministerjali, l-Onor. Beppe Fenech Adami qal hekk:

> "L-ewwel nett Sur President, il-Ministru għadu kif ikkwota minn żewġ rapporti dwar żewġ inkjesti. Ikkwota *verbatim* f'partijiet minnhom. Allura jien, l-ewwel ħaġa li nitlob huwa li dawn l-inkjesti jiġu mpoġġija b'mod immedjat fuq il-Mejda tal-Kamra. U fuq dan jiena nitlob *ruling* mingħandek."

Is-Sedja għaldaqstant irreferiet għall-istqarrija ministerjali fejn innotat li l-unika kwotazzjoni ċara li saret kienet meta l-Ministru kien qed jirreferi għall-inkjesta dwar l-elezzjonijiet ta' infermiera għal fuq il-Kunsill tal-Infermiera u Qwiebel, u nikkwota:

> "Dan jiġi kkonsolidat ulterjorment mill-opinjoni tal-espert forensiku indipendenti, Dr Abela Medici li kompla saħħaħ dan permezz ta' mezzi xjentifiċi. Fil-fatt fir-rapport tiegħu l-espert forensiku Abela Medici kiteb:
>
> > "Il-firem tal-uffiċjali li ffirmaw il-poloz kienu oriġinali u ġew iffirmati WARA li l-poloz tal-votazzjoni kienu ġew fotokopjati. Ebda firma ma kienet fotokopjata."
>
> Konklużjonijiet oħra tal-Inkjesta kienu:"

u hawn l-istqarrija tkompli billi tirreferi u telenka dawn il-konklużjonijiet mingħajr l-użu tal-virgoletti.

Fir-rigward tal-inkjesta interna dwar l-allegat użu tal-mediċina *Oseltamivir* wara d-data ta' skadenza tagħha fl-Isptar Mater Dei, l-istqarrija terġa' tagħmel referenza għall-konklużjonijiet tal-inkjesta u telenkahom f'erba' punti mingħajr indikazzjoni ċara li qed tikkwotahom.

Iktar tard fl-istqarrija nsibu referenza għar-rakkomandazzjonijiet li joħorġu minn din l-istess inkjesta u telenkahom f'ħames punti, mill-ġdid mingħajr indikazzjoni ċara jekk hux qed issir kwotazzjoni.

Is-Sedja rreferiet ukoll għal numru ta' *rulings* li ngħataw fil-passat, kemm dak riċenti u remot, fejn ġie ddikjarat li Membru jista' jintalab li jqiegħed dokument sakemm ikun jidher ċar li jkun qed jikkwota minnu u sakemm tali dokument ma jkunx ta' natura kunfidenzjali kif jiddikjara l-Ministru.

Nikkwota minn *ruling* mogħti fis-Seduta 178 tas-17 ta' Lulju 2014 mill-Ispeaker Anġlu Farrugia:

> "Is-Sedja tinnota wkoll dak li qal l-istess Ministru Konrad Mizzi illi fil-każ tad-dokumenti mitluba huwa lest jiddiskutihom "fil-mument opportun". Is-Sedja m'għandha l-ebda poter li tordna lill-Ministru Konrad Mizzi jew kwalunkwe Ministru ieħor tal-Gvern biex iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumenti rikjesti, sakemm

waqt id-dibattitu dwar l-Abbozz ta' Liġi l-Ministru ma jikkwotax mill-istess dokument mitlub. Jekk ikun il-każ, allura l-Ministru jkollu jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra dak id-dokument jew dokumenti li minnu jew minnhom ikun qed jikkwota. Dan huwa prinċipju – ossija proċedura – li s-Sedja kif preżentement preseduta, kienet għamlet referenza għalih fir-*ruling* mogħti fis-Seduta 150 tad-19 ta' Mejju 2014 u nikkwota:

> "Is-Sedja tinnota li skont il-proċeduri parlamentari u anke skont *rulings* preċedenti, senjatament dak tas-27 ta' Mejju 1970, dak tas-7 ta' Settembru 1971 u tat-13 ta' Ottubru 1971, l-obbligu li dokument jiġi esibit joħroġ meta Membru jkun ikkwota minn tali dokument sakemm dan
>
> > "ma jkunx ta' natura kunfidenzjali, kif iddikjara l-Ministru, jew li jista' jkun ta' preġudizzju għall-interess pubbliku jekk ippubblikat."."

Se nikkwota wkoll minn *ruling* mogħti fis-Seduta 270 tal-1 ta' Ġunju 2015 fejn saret referenza għal żewġ *rulings* oħra u nikkwota:

> "Is-Sedja se tagħmel referenza għal diversi *rulings* li tat qabel. Jiena tajt tliet *rulings* fuq iddokumenti u se nagħmel referenza għalihom biex nispjega l-prinċipju li dejjem segwejna. L-ewwel *ruling* li se nagħmel referenza għalih huwa dak mogħti minn din is-Sedja stess fis-Seduta Nru 188, tal-20 ta' Ottubru 2014, liema *Ruling* kien intalab mill-Onor. George Pullicino fir-rigward tal-Ministru Konrad Mizzi. F'dak ir-*ruling* kien ġie spjegat li hemm tliet elementi li jiġu segwiti biex jiġi ordnat li jitpoġġa dokument fuq il-Mejda tal-Kamra, u kien ġie kkwotat dak li kien qal l-iSpeaker Morrison f'*ruling* li kien ta fil-House of Commons fejn kien qal hekk:
>
> > *"In the first place the Minister must have quoted from the document; it is not sufficient that he should have referred to it or even to have summarized or paraphrased it in part or in whole;*
> >
> > *Secondly, the document must be a "dispatch or other State paper", the rule cannot be applied to private documents;*
> >
> > *Thirdly, the rule cannot be applied to documents which are stated by the Minister to be of such a nature that their disclosure would be inconsistent with the public interest."*

Għaldaqstant is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li għal dak li jirrigwarda r-rapport tal-espert forensiku Dr Anthony Abela Medici, sakemm il-Ministru ma jiddikjarax li hemm raġunijiet ta' kunfidenzjalità jew ta' preġudizzju għall-interess pubbliku jekk dan jiġi ppubblikat, il-Ministru għandu jqiegħed tali rapport fuq il-Mejda tal-Kamra.

Mil-banda l-oħra, għal dak li jirrigwarda l-inkjesti nfushom, billi s-Sedja ma tistax tasal għall-konklużjoni li l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet moqrija mill-Ministru fl-istqarrija ministerjali huma kwotazzjonijiet mill-istess inkjesti, is-Sedja ma tistax tordna li dawn id-dokumenti jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra, dment li ma jirriżultax li t-test inkwistjoni huwa fil-fatt kwotazzjoni mill-inkjesti.